MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 18/2012

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Ahmed Ahmad El-Ghazzam, iben Ali Ahmed, imwieled il-Palestina fl-20 ta' Ġunju, 1959, karta ta' l-identita numru 28460A

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-6 ta' Lulju, 2011 f'San Pawl il-Baħar, f'xi ħin, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel xi ħsarat f'karozza tal-għamla Perodua, bin-numru tar-reġistrazzjoni JON 852, liema ħsarat jammontaw għal aktar minn €233 iżda anqas minn €1,165 għa-dannu ta' Ibrahim El Shimi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2012 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat kien ġa ġie proċessat għal dan ir-reat.

Għaldaqstant, in vista ta’ din id-dikjarazzjoni tiddikjara l-proċediment eżawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------